# KAPITLU 8

## IL-KELLIEM MISTIEDEN

“X’inti taghmel hawn?” staqsa Chaz.

“Ma flahtx narak tielaq. Ghadna anqas temmejna l-ewwel lezjoni,” qaltlu Sim.

“Imma inti qed titlifha. Ma tinkwetax li ser taqa’ lura?” staqsa Chaz.

Sim bil-ktieb u l-lapes f’idha qaltlu: “ Iva, imma l-hsieb li ser tabbanduna l-kors inkwetani. Ma stajtx nara l-post ta’ hdejja vojt.”

“Sim, ma nafx jekk nistax inkompli. Irrid infisser li jiena ma nhiex bhal l-angli l-ohra.”

“Ara Chaz Alla baghtek hawn ghal xi raguni. Irridu naraw u niskopru x’inhija,” qaltlu Sim.

Imbaghad Chaz qalilha:” Hemm storja ohra li irrid nisma’. Hemm kelliem mistieden fil-klassi. Ghadni kemm rajt pittura tieghu. Is-Segretarju sejjahlu Gabirjiel.”

Sim baqghet b'halqaha miftuh. "L-anglu Gabirjiel! Fil-klassi taghna? Ticcajta? Ejja infittxu mmorru Chaz". U t-tnejn taru lejn il-klassi. Malli dahlu Chaz ra l-Arkanglu Gabirjiel wieqaf quddiem l-istudenti fil-klassi flimkien ma' Barakjiel.

Il-majjistru Barakjiel laqa' bil-qalb u tibissima liz-zewg angli u stedinhom jidhlu. Gwejnah Gabirjiel impressjonaw lil Ghaz. Kienu tassew skuri.

"Niskuzaw ruhna li gejna xi ftit tard," qal Chaz.

Gabirjiel tahom skroll kull wiehed li fuqu kellu l-grajja li kien hemm impittra fuq il-hajt ta' l-ufficju tas-segretarju. Id-differenza kienet li l-figuri tal-pittura fuq l-iskroll kienu jiccaqilqu.

Gabirjiel beda' ir-rakkont tieghu.

"Kif kont qed nghidilkom, il-Mulej Alla baghtni ghand wahda xebba jisimha Marija, vergni li kienet tghix gewwa Nazaret b'messagg ta' importanza l-aktar kbira.

"Is-sliem ghalik," qal l-arkanglu Gabirjiel li kien hemm fuq l-iskroll. Marija ta' fuq l-iskroll dehret



konfuza bit-tislima li tajtha. Gabirjiel kompla jirrakonta: " Kienet bezghana u jiena farragtha. Ma kelliex ghax tibza' ghaliex kienet favorita minn Alla. L-Altissimu kien ghazilha biex tkun Omm Ibnu Gesu'."

"Imma kif ikun dan?" qalet Marija ta' l-iskroll lil anglu.

“L-Ispirtu Santu jinzel fuqek u l-qawwa ta’ l-Aktar Gholi tghattik; ghalhekk dak li jitwieled minnek jissejjah qaddis u jissejjah Iben Alla,” wegibha Gabirjiel ta’ l-iskroll.

Gabirjiel induna li Chaz kellu mistoqsija x’jaghmel. “Anglu zghir, donnok trid tghidli xi haga.”

“Sempliciment,” qallu Chaz li minn mohhu dak il-hin beda’ ghaddej dak li esperjenza matul il-jum. Kien hemm xi haga familjari f’din ix-xena.

“ Din tixbah lil Gnien ta’ l-Eden, hux veru?”

“Spjega,” talbu Barakjiel li kien fuq in-naha l-ohra tal-klassi.

“Bhalma Satana deher lil Eva, Inti dehert lil Marija,” qal Chaz. Ghat-tentazzoni li rajna fil-bidu tal-lezzjoni Eva ma obdiet lil Alla. Ma setghitx tirresizti lit-tentazzjoni u anqas zewgha. Kienu jafu, imma it-tnejn kisru l-kmand ta’ Alla.”

“Qed tghid sew,” qal Gabirjiel.

“U t-tifla li rajna qabel. Ma setghetx tifqilha lit-tentazzjoni tad-dezerta. Kienet taf li kien hazin tikser il-kmand ta’ ommha, madanakollu ghamlet dak li riedet,” spjega Chaz.

“X’qed tipprova tghid?” staqsa l-majjistru.

“Li qed nipprova nispjega,” qal Chaz, “ huwa l-fatt li jekk dawn iz-zewg persuni ma gharfux jaghmlu dak li huwa tajjeb, min kien ser jghin lil Marija taghmel l-ghazla t-tajba?”

“L-imhabba kbira li kellha Marija lejn Alla, li dejjem taghmel ir-rieda tieghu, mghejjuna mill-grazzja ta’ Alla kienet ir-raguni li Marija ghazlet li tobdi u tkun omm Ibnu,” spjegalu l-Anglu Gabirjiel. “Marija ghamlet l-ghazla t-tajba bis-sahha tal-grazzja tal-Mulej u tghid iva kull darba li Alla ried xi haga minnha.”

Ix-xena fuq l-iskroll kompliet tizviluppa. “ Hawn jiena l-qaddejja tal-Mulej; ikun minni skont kelmet,” qalet il-Vergni Marija.

“Gheziez studenti,” qal Barakjiel,” Intom, issa, tghallimtu l-aktar lezzjoni mportanti ta’ l-Akkademja ta’ l-Angli. Hija l-grazzja ta’ Alla li tghin lill-bnedmin jaghzlu t-tajjeb. Ghal Alla xejn ma mpossibbli. Ix-xoghol taghkom bhala angli kustodji huwa li kontinwament tmexxuhom lejn il-Mulej.”

“Imma l-Mulej ma jkun irrabjatx ghal dawk il-bnedmin li jaghmlu ta’ rashom u jmorru kontra dak li jordna Hu?” staqsiet Sim.

U wiegeb l- Gabirjiel: “ Da zgur li Alla jhossu offiz u irrabjat, imma Huwa jaf ukoll ihenn u l–hniena tieghu hija tant kbira li ebda bniedem ma jista’ jifimha. Hadd u ebda bniedem ma huwa kkundannat ghat-telfien. Is-salvazzjoni hija possibbli ghal kulhadd.”

“Imma kif?” staqsa Chaz.

“Minhabba Ibnu,” qallu Gabirjiel bit-tbissima.

Imbaghad indahal Barakjiel u qal lill-klassi: “Gheziez student aghtu capcipa lill-kelliem mistieden taghna ghax ghandu hwejjeg ohra x’jaghmel u jehtieglu jmur.”

Ghac-capcip ta’ l-studenti Gabirjiel baxxa rasu u hareg mill-klassi.

“Qabel intemmu din il-lezzjoni ghandna vjagg iehor x’naghmlu. Irridkom li tiltaqghu ma’ zewg persuni ohra.”

“U min jistghu jkunu dawn?” staqsa Chaz.

“Adam u Eva,” wegibhom Barakjiel.